MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 908/2005/1

**Joseph Attard, Nikolina Bugeja, Francis Ebejer, Saviour Mifsud, Nazzareno Tanti u Mary Sciortino**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sahha**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-29 ta' Settembru, 2005, li *in forza* taghha ippremettew:

> "Illi whud mill-atturi kienu impjegati mal-konvenut bhala enrolled nurses filwaqt li l-atturi Saviour Mifsud u Nazzareno Tanti ghadhom hekk impjegati bhala enrolled nurses sa llum;
>
> "Illi b'Citazzjoni mressqa mill-atturi fit-12 ta' Ottubru 2000, huma talbu li l-konvenut jieqaf milli jcahhadhom milli jahdmu xoghol b'sahra bi tpattija talli huma kienu qeghdin jiehdu sehem f'azzjonijiet industrijali, filwaqt li haddiema ohrajn bhalhom li ma kienux qeghdin jiehdu sehem fl-azzjoni industrijali baqghu jinghataw xoghol b'sahra;
>
> "Illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Frar 2005, l-istess Onorabbli Qorti iddikjarat li l-imgiba tal-konvenut fil-konfront tal-atturi kienet tikkostitwixxi mgiba diskriminatorja ghall-finijiet tal-artikolu 18(4) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-artikolu 64(4) tal-Kap 452);
>
> "Illi din l-Onorabbli Qorti, safejn il-mertu ma giex ezawrit matul iz-zmien li kienet qeghda tinstama' l-kawza, ordnat lill-konvenut li jieqaf milli jcahhad lill-atturi milli jikkwalifikaw u jinghataw jaghmlu xoghol ta' sahra bhal shabhom u skont kemm ikun mehtieg;
>
> "Illi l-konvenut appella mill-imsemmija decizjoni u, sa llum, ghad ma hemmx gudizzju finali;
>
> "Illi bl-agir illegali u diskriminatorju tal-konvenut l-atturi sofrew danni konsistenti f'telf ta' qliegh;

"Illi l-konvenut gie interpellat, anke permezz ta' ittra ufficcjali, sabiex jghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, inkluz kull telf ta' qliegh li l-atturi sofrew bl-agir diskriminatorju fil-konfront taghhom, izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

"Talbu li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja :

1. "Tillikwida, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi kawza ta' l-agir diskriminatorju u illegali tal-konvenut;

2. "Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati;

"Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' April 2005 u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Generali tas-Sahha, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

"1. Illi l-prezenti azzjoni ghad-danni hija preskritta fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz in-nuqqas ta' inkariku biex isir xoghol b'sahra, anke jekk isir bi ksur tal-Artikolu 18(4) tal-Kap 266 (illum Art 64(4) tal-Kap 452) ma jikkostitwix 'delitt jew kwazi-delitt' fit-termini tal-Kodici Civili billi l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kap 266 u tal-Kap 452 huma dispozizzjonijiet ta' natura ta' dritt pubbliku intizi biex jirregolaw l-azzjonijiet industrijali u mhux dispozizzjonijiet ta' natura ta' dritt privat intizi biex jikkonferixxu drittijiet civili fuq individwi. Illi ghalhekk ir-rimedju fil-kaz ta' ksur ta' dawk id-dispozizzjonijiet jista' jinghata biss fil-kamp tal-ligi industrijali u mhux fil-forma ta' danni civili. Illi dan jikkonfermah ukoll il-fatt illi l-atturi, konformement ma dak li qed jissottometti l-esponent, kienu intavolaw kawza dwar in-nuqqas ta' ghoti lilhom ta' sahra fit-12 ta' Ottubru 2000 (Citazzjoni 2289/2000/1 fl-ismijiet "Joseph Attard et vs It-Tabib Dr. Ray Busuttil noe et') liema kawza kienet titlob ir-

rimedju fil-kamp tal-ligi industrijali u cioe l-waqfien min-nuqqas ta' ghoti ta' sahra u liema kawza hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell;

“3. Subordinatament, illi l-atturi majistghux jippretendu illi huma ghandhom xi dritt civili illi jigu assenjati xoghol b'sabra (kif fil-fatt ikkonfermat is-sentenza tas-17 ta' Frar 2005 fil-kawza Cit 2289/2000/1 bejn il-partijiet) u certament huma ma jistghux javvanzaw pretensjonijiet biex jithallsu ta' xoghol b'sahra illi huma ma hadmux;

“4. Illi l-azzjoni odjerna hija karenti minn fondament guridiku u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-14 ta’ Ottubru 2010 li permezz taghha laqghet it-talbiet tal-attur u ordnat lill-konvenut biex thallas is-somma ta’ €1,973,82 lill-attrici Bugeja, is-somma ta’ €2,283.14 lill-attur Attard, is-somma ta’ €10,760.34 lill-attur Ebejer, is-somma ta’ €6,938.51 lill-attur Tanti, is-somma ta’ €7,090.55 lill-attur Mifsud, is-somma ta’ €6,062.96 lill-attrici Sciortino, bl-ispejjez u bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza wkoll kontra l-konvenut;

Rat ir rikors tal-attur appellant Francis Ebejer li permezz tieghu talab illi din il-Qorti;

> "… … … joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet Joseph Attard, Nikolina Bugeja, Francis Ebejer, Saviour Mifsud, Nazzareno Tanti u Mary Sciortino v. Direttur Generali tas-Sahha moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2010 billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Nikolina Bugeja s-somma ta' elf, disa' mija, tlieta u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€1,973.82), lill-attur Joseph Attard is-somma ta' elfejn mitejn tlieta u tmenin Euro u erbatax-il centezmu (€2,283.14), lill-attur Nazzareno Tanti is-somma ta' sitt elef, disa' mija, tmienja u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€6,938.51), lill-attur Saviour Mifsud is-somma ta' sebat elef u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€7,090.55) u lil Mary Sciortino l-ammont ta' sitt elef tnejn u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€6,062.96), u tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti fejn gie deciz li l-konvenut appellat ghandu jhallas lill-esponent Francis Ebejer is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€10,760.34) u minflok tikkundanna lill-istess konvenut appellat ihallas dak l-ammont verjuri awmentat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti a favur l-istess appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-rikors tal-attur appellant Joseph Attard li permezz tieghu talab ili din il-Qorti;

> "… … … joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet Joseph Attard, Nikolina Bugeja, Francis Ebejer, Saviour Mifsud, Nazzareno Tanti u Mary Sciortino v. Direttur Generali tas-Sahha moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Ottubru 2010 billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Nikolina Bugeja s-somma ta' elf, disa' mija, tlieta u sebghin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€1,973.82), Francis Ebejer is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (€10,760.34), lill-attur Nazzareno Tanti is-somma ta' sitt elef, disa' mija, tmienja u tletin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€6,938.51), lill-attur Saviour Mifsud is-somma ta' sebat elef u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€7,090.55) u lil Mary Sciortino l-ammont ta' sitt elef tnejn u sittin Euro u sitta u disghin centezmu (€6,062.96), u tirrevoka, thassar u tannulla dik il-parti fejn gie deciz li l-konvenut appellat ghandu jhallas lill-esponent Joseph Attard is-somma ta' elfejn, mitejn, tlieta u tmenin Euro u erbatax-il centezmu (€2,283.14) u minflok tikkundanna lill-istess konvenut appellat ihallas dak l-ammont verjuri awmentat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti a favur l-istess appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat."

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha, wara li rrespinga l-kontenut tar-rikorsi tal-appell, talab li s-sentenza tigi kkonfermata;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

> "Illi xehed l-attur Joseph Attard u qal illi kien ippartecipa f'azzjoni industrijali ordnata mill-General Worker's Union u, skont ix-xhud, bhala konsegwenza, l-isptar bdew ma idahhluhx jahdem overtime. Is-Sur Attard qal illi dak iz-zminijiet kien jokkupa l-kariga ta' 'shop steward' tal-General Worker's Union u kien membru fl-ezekuttiv tat-taqsima u membru fil-Kunsill Generali tal-Union. Meta beda bl-azzjonijiet kif kienu ordnati mill-Union, ma bdewx ihalluh iktar jaghmel overtime. Dan kien il-perijodu minn Mejju tas-sena 2000 sal-ahhar ta' April 2001. F'dak il-perjodu huwa kien assenjat is-Social Centre u kien inkarigat biex jiehu l-morda ghal certu attivitajiet ta' barra. Huwa baqa ghaddej bix-xoghol tieghu u baqa' johrog lill-morda. Gieli dawn l-outings kienu idumu sa xit-tmienja, l-ghaxra ta' bil-lejl. Ghalhekk huwa kien hadem dan l-overtime, izda baqa ma thallasx tieghu, u esebixxa dokumenti f'dan is-sens. Joseph Attard xehed illi kien mar ikellem lid-Departamental Manager u staqsih ghalfejn ma kienx thallas ta' l-overtime li hadem f'Lulju u Awissu. Umbaghad inghata id-Dokument JA02, esebit a fol 47 tal-process, fejn gie mgharraf illi "till you move to the new posting according to the last deployment exercise, you are not allowed to take overtime or time-off-in-lieu. You will not even be compensated if you sign in for duty when you are off duty. Strict compliance must be ensured." Is-Sur Attard esebixxa dokument iehor li jinsab esebit a fol. 48 tal-process li skont hu kien juri l-overtime illi tilef matul din it-tilwima industrijali illi jinkorpora u jammonta ghas-somma ta' tmintax il-elf sitt mija sitta u sittin ewro wiehed u sittin centezmu (€18,666.61). Ix-xhud qal illi minkejja li kien jaf li mhux ser ihallsuh ta' l-overtime u li ma setghax jiehu Time-off-in-Lieu huwa xorta wahda baqa jaghmel ix-xoghol normali tieghu u baqa jahdem l-overtime peress illi una volta li jkun ha lill-morda attivita, ma setghax johrog u ihallihom hemm hekk wahedhom, hass illi kien id-dmir tieghu illi jibqa maghhom, hadem l-overtime u ta' dan l-overtime ma thallasx. Illi x-xhud qal illi kien hemm ukoll overtime illi ma hallewhx jaghmlu u skont hu l-ammonti kollha dovuti lilu jirrizultaw mid-Dokument JA 04 esebit f'dawn l-atti, liema

ammont jammonta ghas-somma ta’ tmintax il-elf sitt mija sitta u sittin ewro wiehed u sittin centezmu (€18,666.61).

“Illi xehdet ukoll l-attrici Maria Sciortino illi kienet taghmel l-istess xoghol bhal l-attur Joseph Attard. Hija qalet illi irceviet l-istess karta li kien irceva Joseph Attard fejn twaqqfilha l-overtime. Hija kienet ukoll qeghda issewgi id-direttiva ta’ l-General Worker’s Union. Ix-xhud ghamlet kalkolu li minn Mejju 2000 sa April 2001 tilfet komplessivament is-somma ta’ hmistax il-elf erba’ mija u tmienja u erbghin ewro (€15,448). Ix-xhud qalet illi sussegwentement huma spiccaw minn hemm hekk ghaliex gew “replaced” minn tat-Therapy.

“Illi xehed ukoll l-attur Francis Ebejer illi wkoll kien qieghed isegwi direttiva ta’ l-union u hu ukoll tnehhielu l-overtime. Huwa ghamel kalkolu ta’ l-overtime li tilef u qal illi tilef is-somma ta’ disgha u ghoxrin elf tlett mija u erbgha liri Maltin (LM29,304) ekwivalenti ghal tmienja u sittin elf mitejn disa u hamsin ewro u sitta u disghin centezmu (€68,259.96).

“Illi xehed l-attur Nazzareno Tanti, illi wkoll kien qieghed isegwi direttiva tal-General Worker’s Union, u ma hallewhx jaghmel overtime u dana ghas-snin 2000 sas-sena 2007. Ix-xhud qal illi tilef hafna overtime li jammonta ghas-somma ta’ sebgha u erbghin elf sitt mija tnejn u sebghin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmi (LM47,672.44) ekwivalenti ghal mija u hdax il-elf sitta u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€111,046.91). Ix-xhud qal illi huwa ma setghax jahdem f’sali ohrajn bhalma ghamlu shabu u ghalhekk hadem id-differenza, ghamel kalkolu ta’ l-overtime li ma thallix jahdem, li jammonta ghas-somma ta’ sebgha u tletin elf disgha mija u tmenin lira Maltin u centezmu (LM37,980.01) ekwivalenti ghal tmienja u tmenin elf erbgha mija disgha u sittin ewro u tnejn u sittin centezmu (€88,469.62).

“Illi xehed ukoll l-attur Saviour Mifsud, illi kien nurse u kien qieghed isegwi wkoll id-direttiva tal-General Worker’s Union fis-sena 2000. Huwa xehed illi per konsegwenza li kien qieghed isegwi id-direttivi ta’ l-union, il-management cahdu milli jahdem l-overtime. Huwa xehed illi precedentement kien jahdem elf seba’ mija u tnejn u hamsin siegha overtime f’sena. Huwa xehed illi l-ammont li tilef bhala overtime kien ta’ hdax il-elf tlett mija u disgha liri Maltin (LM11,309), ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf tlett mija tnejn u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€26,342.88).

“Ikkunsidrat:

“Illi l-konvenut esebixxa nota li permezz taghha ipprezenta tabella bl-ammonti dovuti lil Nicolina Bugeja, Joseph Attard, Francis Ebejer, Nazzareno Tanti u Saviour Mifsud u din it-tabella tinsab esebita a fol. 68 tal-process u hija fis-sens illi Nicolina Bugeja tilfet is-somma ta’ elf disgha mija tlieta u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,973.82). Joseph Attard tilef is-somma ta’ elfejn mitejn tlieta u tmenin ewro u erbghatax il-centezmu (€2,283.14). Francis Ebejer tilef is-somma ta’ ghaxar telef sebgha mija u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu (€10,760.34). Nazzzareno Tanti tilef is-somma ta’ sitt elef disgha mija tmienja u tletin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€6,938.51 u Saviour Mifsud tilef is-somma ta’ seba telef disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€7,090.55).

“Ikkunsidrat;

“Illi xehed Richard Cachia Zammit, imsejjah mill-konvenut, u qal illi huwa jahdem bhala Assistent Direttur Finanzi fid-Dipartiment tas-Sahha. Dwar id-dokument esebit a fol. 68 tal-process, is-Sur Cachia Zammit irrefera ghall-tilwima industrijali li kien hemm Mount Carmel Hospital. Huwa qal illi l-persuni imsemmija f’dak id-dokument ma thallewx jahdmu overtime mill-1 ta’ Mejju tas-sena 2000 sas-26 ta’ April, 2001. Ix-xhud ivverifika u irrizultalu illi l-persuni imsemmija verament ma thallsux overtime f’dak il-perjodu. Is-Sur Cachia Zammit kompla jixhed illi skont is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, peress illi kien hemm tilwima industrijali, il-Qorti tathom ordni li huma iridu jhallsu lill-atturi ta’ l-overtime li tilfu. Ghalhekk ix-xhud qabad is-sena ta’ qabel sabiex jara kemm hadmu overtime l-atturi u irrefera ghall-ewwel tabella fin-nota esebita li tghid kemm hadmu “overtime” l-atturi fis-sena 1999. Ix-xhud qal illi ghalhekk huma hadmu is-somma dovuta lill-atturi pressa poco fl-ammont imsemmi ta’ kemm thallsu overtime fis-sena 1999. Is-Sur Cachia Zammit xehed illi zied l-ammont minn 1999 u aggustah skont l-increments bi 12.53 % u b’hekk wasal ghac-cifra kif imnizzel fid-dokument imsemmi.

“Illi meta x-xhud gie mistoqsi in kontro-ezami dwar l-attur Joseph Attard illi kien ipprezenta sheets iffirmati mis-superjuri tieghu fejn allegatament ipprova illi ma thallasx ta’ overtime, meta x-xhud gie mistoqsi ghalfejn fl-iskeda ma jaghmilx lanqas biss referenza ghal dan l-ammont, ix-xhud qal illi huwa kien ivverifika ma Mount Carmel Hospital, iccekkja ma tal-Accounts u mas-salarji, u qalulu li f’dak il-perjodu Joseph Attard ma hadimx overtime u ghalhekk ix-

xhud ikkonkluda illi l-overtime kien intilef u ma kellux dritt ghalih. Ix-xhud xehed illi huwa ra id-dokumenti ipprezentati minn Joseph Attard u qal illi huwa kien ezamina il-file tieghu u ma irrizultalux illi is-Sur Attard hadem overtime u ma thallasx, izda irrizultalu li ma thallix jaghmel overtime bhal l-atturi l-ohrajn. Is-Sur Cachia Zammit qal illi huwa ma jistax jikkontesta l-ammont pretiz minn Joseph Attard ghaliex dan jistghu jghiduh biss ta' Mount Carmel. Ix-xhud qal illi wara li spiccat id-direttiva ta' l-union ma jafx jekk l-atturi thallewx jahdmu overtime jew le. Izda jaf li wara li sar ftehim mal-union tnehhiet id-direttiva illi persuni bhal l-atturi ma jistghtux jaghmlu overtime. Ix-xhud qal ukoll illi huwa wasal ghall-figura li wasal ghaliha meta hadem fuq il-perjodu kif imsemmi fit-tabella peress illi kienet dik id-data illi kienu tawh il-persuni inkarigati f'Mount Carmel Hospital.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti ser tibda biex tippreciza illi hadd mill-partijiet ma ipprovdielha is-sentenza imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell.

"Illi l-Qorti ser tibda billli titratta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fis-sens illi l-azzjoni ghad-danni hija preskritta fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

"Illi l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 jghid illi:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

"Illi l-Qorti rat illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza V11 ta' l-1868 (illum Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra kontrattwali, jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma "ex delictu vel quasi". Meta d-danni huma "ex contractu" ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn (Vol. XX1X P1 p 1340).

"Illi l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 jghid hekk:

“Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.

“L-Artikolu 2129 umbaghad jghid hekk:

“Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att gudizzjarju iehor ikunu nulli minhabba difett ta’ forma, jew minhabba li jkunu gew ipprezentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.

“Illi huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur kreditur ghandu ghad-disposizjoni tieghu diversi ghazliet possibbli sabiex jikkombattiha.

“Illi huwa imperattiv illi huwa l-attur li jrid jipprova illi l-preskrizzjoni ma tapplikax ghall-kaz odjern peress illi huwa l-attur li jrid jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontro-parti.

“Illi wkoll kif gie deciz drabi ohrajn, jekk dwar din l-interuzzjoni ta’ preskrizzjoni ikun hemm konflitt ta’ provi, allura l-konsegwenza mhijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma issodisfax lill-Qorti li kien hemm interuzzjoni.

“Illi ghalhekk dak li huwa importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ta’ dritt da parti tal-konvenut irid ikun car u esplicitu.

“Illi l-attur jista jipprova l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta’ xi att gudizzjarju jew billi juri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi b’certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f’sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

“Illi f’dan il-kuntest huma annoverati sitwazzjonijiet prevvisti mill-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili.

“Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza kawza fl-ismijiet Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty deciza fl-1 ta’ April 2005 il-Qorti qalet:

> ““L-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att gudizzjarju prezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom. Izda s-subinciz (1) ta’ l-artikolu 2130 jiprovdi li l-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta’ l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni.””

“Illi permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Maltacom plc vs Carmelo Falzon (Citazzjoni Nru 1910/1997) il-Qorti, dwar il-ksur tal-preskrizzjoni bis-sahha ta’ att gudizzjarju, qalet illi citazzjoni hija wkoll talba gudizzjarja. Illi l-Artikoli 2131 tal-Kap. 16 jghid hekk:

> ““Il-preskrizzjoni tinkiser b’talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.””

“Illi l-Artikolu 2131 (1) tal-Kap. 16 jghid illi:

> ““Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b’talba gudizzjarja, jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tibqa’ dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda.””

“Illi l-preskrizzjoni hija wkoll sospiza ai termini tal-Artikolu 2125 tal-Kap. 16 paragrafu (d):

> ""kwantu ghal azzjoni ghad-danni, matul dak iz-zmien qabel ma ssir il-kawza li fih ikunu qeghdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi whud minnhom jew l-assiguraturi taghhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin.""

"Ikkunsidrat:

"Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi l-atturi interrompew il-preskrizzjoni meta ipprezentaw il-kawza fl-ismijiet Joseph Attard et vs It-tabib Dr Ray Busuttil noe et (Citazz Nru 2289/2000); liema kawza giet intavolata fis-sena 2000 u ghaldaqstant ferm fiz-zmien preskrittiv in kwistjoni.

"Illi ghalhekk il-Qorti tara illi ai, termini tal-Artikolu 2131 tal-Kap. 16, kif ukoll ghall-mod kif dan l-Artikolu gie interpretat mill-Qrati taghna kif spjegat aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, l-azzjoni odjerna ma tistax tigi meqjusa bhala preskritta peress illi l-perjodu preskrittiv gie interrott b'talba gudizzjarja dwar l-istess materja; liema talba illum il-gurnata ghaddiet in gudikat u irrizulta illi huwa proprju minhabba l-ezitu ta' din il-kawza illi din il-Qorti giet mitluba tillilwida d-danni ai termini tal-istess kawza imsemmija.

"Illi l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 2125 (d) tal-Kap. 16 u rat illi fil-kaz odjern kien hemm diversi tentattivi sabiex il-partijiet jaslu ghall-ftehim bonarju u dan il-fatt ghandu l-effett illi jissospendi il-perjodu preskrittiv.

"Illi gie ippruvat illi intalbu differimenti mill-partijiet fil-mori tal-kawza Citazzjoni numru 2289/2000, sabiex jipprova jintlahaq ftehim u dan il-fatt ukoll jinterompi u jissospendi il-perjodu preskrittiv.

"Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

"Illi l-Qorti issa ser tittratta it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ghal din il-fini il-Qorti trid tara x'jikkostitwixxi delitt jew kwazi delitt.

"Ikkunsidrat:

“Illi l-atturi kellhom dritt li jahdmu sahra ai termini tal ftehim kollettiv li kien hemm bejn il-partijiet, u dan il-ftehim jaghti lil haddiema drittijiet civili. (Vide Gio Maria Calleja vs Gaetana Debono et deciza 20.1.1950).

“Illi sabiex jikkonkorru l-elementi ta’ delitt civili hemm bzonn li jikkonkorru tliet kondizzjonijiet - 1. Illi l-fatt ikun illecitu; 2. Illi l-fatt ikun imputabbli lill-awtur; 3. U illi l-awtur ikun agixxa xjentement u bl-intenzjoni li jaghmel id-dannu. Id-delitt civili jissupponi l-infrazzjoni tal-ligi civili u li jkun hemm attakk ta' l-ordni privat li bih jigi vjolat l-interess; il-kwazi-delitt jissupponi t-tort.

“Illi l-Qorti rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru, 2004 Citazzjoni Numru 560/1995/1 fil-kawza fl-ismijiet Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt Vs The Cargo Handling Co Ltd. Illi din is-sentenza hi l-konsegwenza ta’ sentenza ohra pronunzjata fit-3 ta’ Ottubru 2003 illi permezz taghha gie dikjarat li is-socjeta` konvenuta kellha twiegeb ghat-telf subit mill-atturi talli dawn gew imcahhda mill-jedd li jippartecipaw fis-sistema ta’ rotazzjoni tas-sahra u tal-qligh bhall-impjegati rgiel fl-istess kategorija. F’ dik l-istess decizjoni din il-Qorti kienet tat lill-kontendenti l-opportunita` li jilhqu ftehim sodisfacenti dwar il-kwantum tad-danni.

“Il-Qorti kienet qalet hekk:

> ““Sfortunatament, dak awspikat mill-Qorti ma sabx riskontru favorevoli mill-partijiet; Indubbjament, il-metodu tal-valutazzjoni tad-danni jikkostitwixxi *ab origine* wiehed mill-problemi l-aktar spinuzi. Dan anke ghaliex wiehed mhux dejjem isib dak ilkriterju idoneu ghall-iskop ta’ adozzjoni u ta’ uniformita`.””

“Kollox jiddependi mill-pekuljaritajiet tal-kaz konkret. Naturalment f’ sitwazzjonijiet ta’ din ix-xorta hi dejjem rakkomandabbli certa kawtela fil-mument tal-likwidazzjoni biex jigi possibilment evitat pregudizzju lill-parti l-wahda jew onerozita zejda lill-parti l-ohra. Ghandu pero` dejjem jinzamm in mira, u fil-perspettiva sana, illi l-funzjoni primarja tar-rizarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante quo* il-fatt leziv tal-dritt; Insibu delinjat fil-Kodici Civili l-kriterji ghall-individwazzjoni tad-dannu rizarcibbli u tad-diversi forom ta’ rizarciment. Hekk, per ezempju, l-Artikolu 1135 jistabbilixxi li “id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b’ mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef”.

“Jissokta jsegwi illi f’ kaz ta’ danni *ex culpa* ir-responsabilita` hi_limitata ghal dawk id-danni li setghu jkunu prevedibbli mid-debitur (Artikolu 1136; **Kollez. Vol. XXIX P I p 927**). Invece, f’ kaz ta’ ghemil doluz jidhlu biss dawk id-danni kif_fuq precizati li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta’ l-obbligazzjoni (Artikolu 1137; **Kollez. Vol. XXV P I p 653**);

“Mis-suespost jitnissel li kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skont parametri objettivi. In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li n-norma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tar-rizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt. Tali principju “*compensatio lucri cum danno*” jinnecessita` rabta ma’ l-antecedenti li_jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta’ kawzalita`. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari. *Inter alia*, f’dan il-kaz, il-fatt li l-atturi ma hadmux l-*overtime* li dwaru t-telf tieghu qed jitolbu rizarciment. Hekk ukoll wiehed ghandu jaghti qies tat-telf ta’ interessi u ta’ xi sopravvenuta zvalutazzjoni monetarja daqskemm ukoll wiehed ghandu jikkonsidra l-fatt ta’ l-adempiment in forma specifika fejn l-kumpanija konvenuta ddecidiet li tirrettifika l-qaghda pregudizzjevoli ghall-atturi.

“Dan premess, huwa pacifikament stabbilit illi l-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f’ dan l-kaz li jaghtu prova ta’ l-effettiva ezistenza tad-dannu.”

“Illi wkoll dejjem ghal dak illi jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti rat illi ai termini tal-kawza imsemmija Citazzjoni Nru 2289/2000 jirrizulta li l-ilmenti elenkati li huma necessarji sabiex jikkostitwixxu delitt huma fatti illi diga irrizultaw u li fattwalment diga gew decizi mill-Qorti ta’ l-Appell, liema decizjoni illum il-gurnata ghaddiet in gudikat.

“Ghalhekk ma tistax tregi is-sottomissjoni tal-konvenut illi l-mertu tal-kawza odjerna jinkwadra ruhu fl-ambitu tan-natura tad-dritt pubbliku, peress illi l-att innifsu da parti tal-konvenut huwa manifest u ippruvat mill-fatt illi l-agir tal-konvenut mar kontra il-ftehim kollettiv.

“Ghaldaqstant il-Qorti qeghda ukoll tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

“Illi l-Qorti issa sejra tittratta ir-raba eccezzjoni tal-konvenut fis-sens illi l-azzjoni odjerna hija karenti minn fundament guridiku u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

“Illi f’dan ir-rigward, stante illi l-Qorti tara illi il-Qorti diga cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens illi in-nuqqas ta’ inkarigu biex isir xoghol b’sahra ma jikkkostitwix delitt jew kawzi delitt fit-termini tal-Kodici Civili, ma tistax tintlaqa din ir-raba eccezzjoni.

“Ghaldaqstant il-Qorti qeghda wkoll tichad ir-raba eccezzjoni tal-konvenut.

“Illi jibqa ghalhekk sabiex il-Qorti tghaddi ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi u s-sussegwenti kundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

“Illi l-Qorti f’dan ir-rigward rat is-sentenza taghha tat-13 ta’ Ottubru 2004 (Citazzjoni Nru 560/1995) fil-kawza fl-ismijiet Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd fejn il-Qorti qalet hekk:

> ““ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta’ l-entita tat-telf. Jew ghall-anqas jista jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwittattiv. Izda il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema legali kif espress fl-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili.”
>
> “Illi l-gudikant ma jistax lanqas f’dawn il-kazijiet jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fatti li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-derminazzjoni tat-telf u minn naha tieghu il-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process.””

“Fi kliem iehor il-gudikant ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji ta’ l-apprezzament prudenti addottati li juru kif wasal ghall-likwidazzjoni tal-“quantum debeatur.”

“Ikkunsidrat:

“Illi wara li l-Qorti qieset il-provi kollha prodotti ma tarax illi tista tilqa s-suggerimenti ta’ l-atturi ghal dak illi jirrigwarda l-ammont dovut lilhom, peress illi jekk taghmel dan l-atturi ser jigu rizarciti tax-xoghol li ma ghamlux u ukoll ghaliex id-danni konsegwiti ghandhom ragonevolment ikunu sew mizurati fl-ambitu specifiku tal-fatt kolpevoli u tal-lezjoni.

“Illi l-Qorti rat ukoll illi t-talba attrici hija ibbazzata fuq xoghol ili fattwalment ma sarx u dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni.

“Illi l-atturi esebew rendikont tal-hlasijiet dovuti lilhom izda ma ressqu l-ebda xhud sabiex jikkollabora ir-rendikont illi ghamlu.

“Illi huwa fatt risaput illi minn jallega irid jipprova u ma tistax tipprova illi taghmel kalkolu inti stess, tipprezentah bhala dokument u tippretendi illi l-Qorti ghandha toqghod fuqu minghajr ma jkun hemm kolloborazzjoni minn xhieda ohrajn, jew dokumenti.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Qorti ezaminat sew ix-xiehda ta’ Richard Cachia Zammit u rat illi l-kriterju li uza dan ix-xhud huwa gust peress illi anke gie mizjud bl-incriments kif huwa spjega dettaljatment fix-xiehda tieghu u x-xhud qal illi huwa ivverifika kollox mal-accounts department ta’ l-isptar Monte Carmeli sabiex wasal ghac-cifri li wasal ghalihom bhala l-ammonti dovuti mill-konvenut lill-atturi.

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-

> attrici Nikolina Bugeja is-somma ta' elf disgha mija tlieta u sebghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,973.82), lill-attur Joseph Attard is-somma ta' elfejn mitejn tlieta u tmenin ewro u erbghatax il-centezmu (€2,283.14), lill-attur Francis Ebejer is-somma ta' ghaxar telef sebgha mija u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu (€10,760.34) lill-attur Nazzareno Tanti is-somma ta' sitt elef disgha mija tmienja u tletin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€6,938.51), lill-attur Saviour Mifsud is-somma ta' seba telef disghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€7,090.55) u lil Mary Sciortino l-ammont ta' sitt elef tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€6062.96). Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut."

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-ATTURI ATTARD U EBEJER**

L-atturi appellanti Ebejer u Attard it-tnejn li huma qed jilmentaw dwar il-quantum tad-danni li gie akkordat mill-ewwel Qorti. L-aggravji taghhom huma l-istess (hlief ghal dak li se jinghad) u allura qed jigu trattati flimkien.

**L-ewwel aggravju**

L-appellanti permezz ta' dan l-aggravju qed jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset li tapplika dawk il-principji rikonoxxuti ghall-fini ta' kumpens gust u ekwu. Huma qed jghidu illi fuq l-iskorta tas-sentenza **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited** (Prim' Awla, 13 ta' Ottubru 2004) huma kellhom jigu risarciti wkoll ghall-*overtime* li gew imcahhda li jahdmu. F'dik il-kawza ghandu jinghad li l-Qorti fost affarijiet ohra qalet ukoll li:

> "*ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. .. Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naha tieghu il-gudikant hu tenut jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-process.*"

Il-Qorti f'din is-sentenza, iccitat ukoll sentenzi riportati fil-**Vol XXXV pt iii** pagna 615 u **Vol XXIX-i-1285**.

L-appellanti donnhom qed jghidu permezz tar-rikors tal-appell li l-Qorti kien messha illikwidat danni u akkordathom fuq il-bazi ta' din is-sentenza fis-sens li apparti dak li effettivament intilef bhala xoghol kellu jigi wkoll likwidat 'arbitrio boni viri'.

Din il-Qorti pero` tissottolineja l-fatt li din hija kawza ghad-danni ‘sic et simpliciter’ u l-komputazzjoni tad-danni ghandha ssir bhalma ssir fil-kawzi l-ohra. Likwidazzjoni tad-danni ‘arbitrio boni viri’ ssir meta jkun difficli ghall-attur li jipprova bil-mezzi ordinarji d-danni li huwa effettivament ikun sofra. Il-fatt li d-danni gew kaguntati minn agir li gie dikjarat diskriminatorju mill-Qorti f’kawza ohra ma jfissirx li l-attur ikun ezonerat milli jressaq il-provi tieghu bil-mezzi normali.

F’din il-kawza kien possibbli ghall-partijiet li jressqu l-provi taghhom bil-mezzi ordinarji; l-atturi strahu fuq dikjarazzjoni maghmula minnhom fejn indikaw it-telf taghhom. Il-konvenut da parti tieghu irribatta dan permezz ta’ xhud li indika l-*overtime* li kien sar mill-atturi s-sena ta’ qabel u li gew imcahhda milli jkomplu jaghmlu dan u l-Qorti finalment ghamlet l-apprezzament taghha. Ma hemmx lok illi jigu likwidati danni ohra ghaliex dawk kienu d-danni li effettivament sofrew l-atturi skont l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili.

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt li bit-trapass taz-zmien l-ammonti li tilfu bhala qliegh gew effetwati bl-inflazzjoni li normalment ssehh mal-istess trapass taz-zmien. Madankollu huma setghu evitaw dan kieku t-talba ghamluha ghal ammont fiss u mhux jitolbu l-likwidazzjoni da parti tal-Qorti,

ghaliex allura kienu jigu assenjati wkoll l-imghaxijiet mid-data tat-talba taghhom.

Dan l-aggravju allura huwa ghal kollox respint.

**It tieni aggravju**

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa dikjaratament li huwa dwar "apprezzament hazin tal-fatti u l-provi migjuba quddiemha (il-Qorti)" u huwa fil-kaz biss tal-appellant Attard maqsum fi tnejn – l-ewwel aggravju dwar it-telf ta' overtime u t tieni parti dwar xoghol li l-appellanti jallegaw illi ma thallsux tieghu.

Ghandu jinghad mill-ewwel li, appuntu ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*l-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun*

*sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor".*

Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-ewwel Qorti kienet korretta u gusta fl-evalwazzjoni tal-provi u waslet ghall-konkluzjoni wkoll korretta u gusta. L-atturi kull ma ghamlu biex ressqu l-provi taghhom fir-rigward kien li jipprezentaw dokument redatt minnhom stess fejn 'ikkalkolaw' is-sahra li ma thallewx jaghmlu. Da parti tieghu il-konvenut ipproduca xhud illi ta rendikont tas-sahra li kienu ghamlu l-atturi fis-sena precedenti biex ikkalkula dak li ma gewx imhollija jaghmu fil-perjodu bejn Mejju 2000 u April 2001 – perjodu ta' sena.

Din il-Qorti taqbel mal-appellat li l-ammonti li pprezentaw l-appellanti kienu 'inflated' u dan ghal ragunijiet cari. Huwa wkoll bla sens legali l-argument tal-appellanti li x-xhud tal-konvenut kellu jigi korroborat minn provi ohra – dan

huwa argument li japplika wisq aktar ghall-atturi stess li ghandhom ikunu huma li jikkonvincu l-gudikant biex jilqa' t-talba jew talbiet taghhom u mhux min qed jirribatti dawk it-talbiet –

**Min jallega jrid jipprova** jew **– "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*** kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Kull ma gara f'din il-kawza kien li l-prova imressqa mill-atturi giet ribattuta mill-prova imressqa mill-konvenut u l-Qorti kienet konvinta minn dan tal-ahhar – apprezzament tal-provi li zgur mhux se tkun din il-Qorti li tiddisturba meta ma hemmx ragunijiet serji biex taghmel dan. Kwindi dan – aggravju huwa respint.

Kif inghad pero`, l-appellant Attard qed isostni wkoll li huwa ma thallasx is-somma ta' €1,115.30 li effettivament hadem ghalihom. Din it-talba tieghu ma gietx ribattuta da parti tal-appellat u billi tirrizulta ukoll mid-dokumenti li huwa esebixxa kif ukoll mill-istess deposizzjoni tax-xhud prodott mill-konvenut stess (li qal li ma setax jeskludiha meta xehed fis-7 ta' Lulju 2009) din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taderixxi ghal din it-talba u allura l-ammont li l-konvenut

ghandu jhallas lill-appellant Attard ghandu jizdied b'dan l-ammont u allura s-somma pagabbli ghandha tkun tliet elef tliet mija u tmienja u disghin euro u erbgha u erbghin centezmu (€3,398.44).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appelli mressqa billi tilqa' biss in parte t-talba tal-appellant Attard u tikkundanna lill-konvenut biex ihallsu s-somma ta' tliet elef tliet mija u tmienja u disghin euro u erbgha u erbghin centezmu (€3,398.44) minflok dik is-somma likwidata u akkordata lilu mill-ewwel Qorti; tichad l-appell ta' Francis Ebejer u allura tikkonferma ghal kollox il-bqija tas-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez – l-imghaxijiet dovuti ghandhom jiddekorru mid-data tal-istess sentenza appellata;

L-ispejjez tal-appell ta' Joseph Attard ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs minnu stess u nofs l-iehor mill-konvenut appellat; dawk tal-appell ta' Francis Ebejer jithallsu minnu stess.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------